MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Numru 219/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Versus**

**Riad Khatib**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Riad Khatib ta’ 29 sena iben Mahmousd u Aichen nee Khatib mwieled nhar l-10 ta’ Frar 1969 Raqqa s-Syria u joqgħod Joe Kate Pjazza Santa Marija Żurrieq. Detentur tal-Karta tal-Identita’ 448494 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar it-12 ta’ Frar 1999 u / jew il-ġranet ta’ qabel flimkien ma’ Hussein Ismail Dgheem u persuna jew persuni oħra mhux magħrufa
b’mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifika foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann

jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila,s etgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarf xi ġrajja kimerika, jew b'qerq ieħor, għamel qligħ ta' Lm80,000 jew aktar għad-dannu ta' Associated Suppleis Ltd, Kaiser Kabel GmbH, Bank of Valletta plc u bosta persuni oħra u dna bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4484 tal-1994, id-dokumenti li jidhru a fol 12, 13 u 14, l-istqarrijiet tal-imputat (fol 16 u 19), il-fedina penali tal-imputat (fol 24), l-ittra minn għand il-Kaiser Kabel GmbH (fol 25) titlob lill-Mnager tal-Bank of Valletta tal-10 ta' Frar 1999 fejn intalab it-trasferiment ta' Lm80,000 mill-Kont taħghom għal dak tal-kumpnaija H Said Co Ltd u l-ittta (fol 26 Dok FA 2) minn għand l-istess Kaiser Kabel GmbH lill-ASL Limited about 'Remittance to Messrs.H.Said Co Limited, , l-ittra mill-Kaiser Kabel lill-Manager tal-Bank of Valletta dwar li fiha talba t-traasferiment ta' Lm50,000 mill-Account tagħhom għal dak ta' Polidano Brothers Limited, document ieħor fejn l-sitess kumpanija talbet li jkun trasferiti Lm114,000 għal Deutsche Bank AG Berlin (fol 28), fotokopji ta' ċekk tal-Bank of Valletta (fol 29) ta' Lm77,000 drawn on self minn H.Said Co Limited, id-dokumenti a fol 82 et, l-ittra ta' Kaiser Kabel GmbH (**fol 90)** fejn din il-kumpanija Ġermaniża ikkontendiet li ittra bil-letterhead tagħhom sabiex ikun trasferiti Lm80,000 lil H Said Co Limited kienet 'fake', il-ħatra tas-sur Alfred Camenzuli sabeix jeżamina l-fax machine esibita (fol 99), Dok Tm dwar itemised calls ta' Maltacom p.l.c. (fol 92 et), invoice tal-Vodafone Malta Limited lil Riad Khatib (fol 110- 119**), l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali a fol 185, d-dikjarazzjoni li saret mill-Prosekuzzjoni u imbagħad mid-difiża (fol 235 u 238) li ma kellhomx għalfejn jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa' nstemgħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta u l-ħatra tas-sur Harun sabiex jagħmel it-traduzzjoni tad-dokument a fol 262.**

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Istqarrija tal-Imputat (15 ta' Marzu 1999)**

L-imputat innega li kien ħa xi bagalji minn għand Hussein Dgheem (fol 16). Innega wkoll li kien tah xi bagalja. Huwa qal ukoll li kien għamel xi xogħol ta' kisi għal ASL Limited sa mill-1994. Huwa qal li huwa kien xtara heater minn għand l-ASL Limited. Dokument ieħor li elevaw il-Pulizija kellu x'jaqsam ma' xogħol fuq penthouse li kien għadu sejjer. .

**It-Tieni Stqarrija tal-Imputat (16 ta' Marzu 1999)**

L-imputat qal li kien iltaqa' ma' Dgheem u mxew lejn il-Macdonald's. Huwa ma kienx ra lil Dgheem ħiereġ minn ġol-bank. Huwa nnega li kellu x'jaqsam mat-teħid ta' Lm80,000 minn għand il-kumpanija ASL Limited.

Il-prosekutur xehed illi fl-10 ta' Marzu 1999 zewg rapprezentanti tas-socjeta ASL Limited tal-Blata l-Bajda kienu ghamlu rapport illi kumpanija Germaniza Kaiser Kabel GNBH kienet sabet li saru xi transfers ta' flus lill-kumpanija Eight Side Co ltd minghajr ma dan it-transfer kien awtorizzat. Iz-zewg kumpaniji kellhom l-accounts taghhom mal-Bank of Valletta.

Fl-10 ta' Marzu 1999 kien hemm kuntatt mill-Bank of Valletta fejn dan il-bank qal lil Kaiser Kabel li ma kellhomx flus bizzejjed fil-kont taghhom. Meta saru iktar indagni instab li s-somma ta' Lm80,000 li kienet giet trasferita minghand Kaiser Kabel qatt ma kienet saret awtorizzazzjoni biex dan it-transfer isir (fol 31).

Fil-fatt it-transfer kien sar ghall-kumpanija Eight Side Co Ltd li kellha bhala diretturi lil Hussein Ismail Dgheem u l-mara tieghu Josephine Dgheem. Meta l-pulizija kellmuh lil dan id-direttur huwa kanta verzjoni differenti ghal kollox

izda wara l-pulizija insistiet li terga tkellmu. Hu qal li kien avvicinat mill-imputat jigifieri Riad Khatib illi kien qallu li kien hemm kumpanija Germaniza li kellha flus zejda fil-kont taghha u lanqas kienet taf kemm huma. Skond dejjem dan Dgheem l-imputat kien qallu jekk setax isir transfer tal-flus mill-kumpanija Germaniza ghall-kumpanija Eight Side Co Ltd u imbghad il-flus jingibdu f'cash minn dan Dgheem (fol 33).

Fit-12 ta' Frar 1999 dan Dgheem kien mar il-bank u sab li l-flus kienu dahlu fil-kont. Dgheem qal li Khatib tah bagalja biex ikun jista' jigbor il-flus u minnhom imbghad tah LM3000 bhala commission (fol 35).

Sussegwentement dan Dgheem ttella' l-Qorti akkuzat bi frodi. Pero l-pulizija bdew investigazzjoni kontra l-imputat ukoll. L-imputat kien nnega kollox kif jidher fl-istqarrijiet tieghu. Kienet saret ukoll tfittxija fid-dar ta' l-imputat pero ma nstab xejn ta' relevanza. L-imputata baqa' jinnega li hu kellu x'jaqsam ma xi transazzjoni ta' flus (fol 40).

Xehed Joseph Aquilina li huwa financial controller u direttur tal-kumpanija Associated Supplies Ltd. Huwa qal li kienu ghamlu rapport lill-pulizija wara li d-ditta Germaniza Kaiser Kabel kienet sabet li sar transfer ta' flus li ma kienx awtorizzat minnha. Kaiser Kabel kienu jaghmlu pagamenti minn dan il-kont jew bic-cheque book jew inkella b'talba ta' transfer instructions. (fol 47).

Kienet esebita kopja tal-fax li rcevew il-bank u li fuqha sar it-transfer. Kaiser Kabel kien minghalihom li ghandhom certu ammont ta' flus il-bank imma dan l-ammont ma kellhomx minhabba li sar dan it-transfer mhux awtorizzat.

Ix-xhud kompla jghid illi l-firem ta' Mr Schmit u Mr Frida (fol 49) kien rahom diversi drabi fuq diversi dokumenti. L-istess kien ra dawk ta' Mrs Stagman.

It-transfer jirrizulta li sar fil-11 ta' Frar fl-istess gurnata li nghatat l-instruction lill-bank ul-gurnata ta' wara ingibdu LM77,000 mill-account tal-kumpanija Eight Side Co Ltd. Dawn ingibdu f'cash. Huwa qal li l-imptuat kien hadem

hafna drabi ma Associated Supplies Ltd bhala sub contractor izda mhux fuq il-payroll taghhom. Huma kienu jqabbduh xoghol ta' plastering u kien ilu jahdem lilhom ghal madwar 4 snin. Gieli hadmilhom ftit u gieli hadmilhom anke 8 xhur. L-imputat kien imur ghand il-kumpanija madwar sitt darbiet jew hames darbiet fis-sena biex jithallas (fol 51). L-istess xhud qal li kien jidhol fl-ufficini taghhom l-imputat sempliciment biex jithallas. Huma kienu dejjem kuntenti bix-xoghol li kien qed jaghmel.

Ir-receipts taghhom ghandhom Logo specjali li huwa diode. U ghal hekk il-karta awtentika tal-kumpanija tista' tingharaf. Huwa kien izomm il-korrispondenza kollha li kienet tigi minghand Kaiser Kabel gewwa file (fol 55) u kien rceva anke kopja tal-fax li ntbghatet.

Fil-kontro ezami huwa qal lil-post kien vojt waqt li kien qed jahdem l-imputat fih (fol 58) u qatt ma kienu tawh xi cheque book taghhom jew xi cwievet tal-cabinet li kien jappartjeni lix-xhud. Dawn qatt m'ghaddew f'idejn l-imputat. Lanqas kien hemm xi sgass fl-ufficcju l-gdid.

Xehed ukoll Adrian Bencini li huwa il-head of audit tal-Bank of Valletta li rega ddeskriva kif saret it-transaction ta' LM80,000 li din sehhet fil-11 ta' Frar mill-Branch ta' Paola u fil-11 ta' Frar kien hemm Ismail Hussein Dgheem li kien ha LM77,000 minn dan il-kont, b'cekk numru 71 li kien pagabbli lilu nnifsu. Dak ic-cekk kien jidher li kollox in order u l-bank hallsu. Kien wara li l-Paola Branch ircevew instructions minghand Kaisel Kabel biex jaghmlu transfer iehor izda l-Bank of Valletta kien qalilhom li ma kienx hemm flus bizzejjed fil-kont ta' Kaiser Kabel. Kaiser Kabel qalulhom li huma ma kienu awtorizzaw l-ebda trasferiment ta' LM80,000 li Eight Side Co Ltd ghax qatt ma kienu ghamlu xoghol maghhom. Ix-xhud qal li kien ghamel investigazzjoni biex jara x'seta' gara u ma garax. Il-posizzjoni hi li l-bank sofra telf ta' LM60,000 u l-Germanizi sofrew telf ta' LM20,000 wara li sar ftehim fuq il-kaz a fol 78. Sa llum il-bank ma kien gabar ebda sold minn dawn kollha.

Xehed ukoll Tony Mizzi ghall-Maltacom li pperzenta Dok TM li jirreferu ghan-numri tat-telefon 640347 li huwa itimised billing fuq l-istess numru tat-telefon. Dan juri l-hin meta saret it-telefonata, kemm damet u t-tariffa kemm hi. L-abbonat huwa certu Mrs Khalid Marielou li toqghod Jokate Misrah Santa Marija Zurrieq. A fol 82 jidher id-dokument AB 1 li hija l-ittra illi allegatament intbghatet minn Kaiser Kabel GNBH mill-Germanja biex isir it-trasferiment ta' LM80,000 ghal Eight Side Co Ltd. Din tinsab a fol 82. U wara hemm id-dokumenti li juru li Eight Side Co Ltd ddahhlu fil-kont taghhom LM80,000 a fol 85 u hargu LM 77,000.

A fol 90 Kaiser Kabel spjegaw illi l-letter head li ntuzat kienet spiccat mill-kumpanija taghhom iktar minn sena qabel u li fil-fatt kienu baghtu struzzjonijiet ghall-hlas fit-8 ta' Lulju 1998 fuq il-letterhead il-gdida. Huma qalu li l-ittra allegatament falza kellha fax number 49306066085 waqt li huma kellhom instructions lill-bank biex juzaw fax number differenti li jidhru a fol 91. A fol 99 kien mahtur l-espert Alfred Camenzuli sabiex jezamina il-fax machine esebita illi eventwalment dan qal li kienet tiswa' LM95,000.

A fol 108 xehdet Dr Sandra Sladden li esebiet Dok SS li kien hemm itimised bills tal-Vodafone ta' Riad Khatib bin-numru 8948. IL-passaport tal-persuna kien 450572. Dawn id-dettalji jidhru a fol 110 sa fol 119 filwaqt li r-rapport ta' l-espert Alfred Camenzuli jidher a fol 120 sa fol 122.

Fid-19 ta' Mejju 2000 deher Hussein Ismail Dgheem li qal li ma jistax jiddeponi minhabba li hemm proceduri li ghadhom pendenti kontra tieghu.

A fol 174 rega' kien prezentat Hussein Ismail Dgheem biex jixhed pero kien ghad hemm proceduri pendent kotnra tieghu u dan kien fil-5 ta' Marzu 2002.

Imbghad a fol 185 l-Avukat Generali hareg l-Artikoli li kienu 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u dawn inqraw seduta stante u l-akkuzat ghazel li l-kaz tieghu ikun trattat bi procedura sommarja a fol 186. A fol 210 rega' sar l-

istess dikjarazzjoni li l-proceduri kriminali pendenti ghax-xhud li kien fadal tal-prosekuzzjoni kienu ghadhom ma ntemmux u dan kien fis-26 ta' Mejju 2004.

A fol 231 rega' kien ingunt Hussein Ismal Dgheem biex jixhed izda dan ma deherx quddiem il-Qorti.

A fol 235 meta l-kawza giet f'idejn it-tielet Magistrat, kien hemm dikjarazzjoni li ma kienx hemm ghalfejn li jergghu jinstemghu ix-xhieda mismugha minn Qorti diversament preseduta. Pero l-prosekuzzjoni qalet li fadlilha xhud li ma rnexxilhiex tintraccja u li kellha informazzjoni li jinsab is-Sirja aktarx taht arrest (fol 235).

A fol 238 id-difiza qalet li ma kienx hemm ghalfejn jinstemghu ix-xhieda diga mismugha u l-prosekuzzjoni regghet ghamlet l-istess dikjarazzjoni. Il-prosekuzzjoni harrket lill-mara tax-xhud indikat imma madankollu it-tentattivi biex ikun imharrek l-imputat rrizultaw fin-negattiv. Kien hawn hekk li l-Qorti regghet tat cans lill-prosekuzzjoni ghax la darba pprezentat riferta posittiva allura taghtiha cans ghal darb'ohra qabel taqbad u tkompli miexja 'l quddiem. Biss il-Qorti qalet li l-proceduri ma jistghux jibqghu jitwalu ad infinitum ghax kulhadd ghandu dritt li jkollu decizjoni favur jew kontra fi zmien ragjonevoli.

A fol 245 il-Qorti nnutat li l-Artikoli kienu intbghatu fis-sena 2002 u allura ordnat li l-proceduri jibqghu mexjin minghajr is-smiegh ta' dan ix-xhud ghax kienu ghaddew iktar minn 5 snin biex jittella'. Il-Qorti rreferiet ghall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jghid li ghandu jkun hemm proceduri fi zmien ragjonevoli.

A fol 246 l-Ispettur Martin Sammut xehed illi min kellu jixhed kien ghadu s-Sirja u kien qed ikollu probelmi biex jigi lura Malta. Il-prosekuzzjoni kompliet tghid li dan ix-xhud kellu kawza pendent kontra tieghu gewwa s-Sirja. A fol 247 jirrizulta li l-kuntistabbli kien mar diversi drabi biex jinnotifika lill-imputat pero ma kien fetahlu hadd.

Fl-1 ta' Frar 2008 xehed l-imputat Riad Khatib li kkonferma l-istqarrijiet li kien ghamel dak iz-zmien. Huwa

qal li kull meta dahal fl-ufficini tas-socjeta ASL hu kien dahal biex jithallas. Huma kellhom xi tieqa u jiehu c-cekk u jibqa' sejjer 'l barra. Mill-bqija ma dahalx gewwa l-ufficini. Huwa qal li kien jaghmlilhom ix-xoghol ta' kisi u ta' plasterer. Huwa kien jithallas minn barra fejn kienu jkunu n-nies l-ohra. A fol 258 huwa qal li kellu jiltaqa' ma huh xid-9.30pm jew 10.00am dak inhar ta' Frar 1999 u mar jistennieh il-Belt. Izda huh ma giex. Dakinhar kien ser ihalli Malta biex imur is-Sirja. Fil-fatt il-mara tieghu kien hassha hazin, hadha ghand it-tabib u kellha bi bidu ta' tqala u ghal hekk ma kienx gie huh. Hu imbghad qal li kellu ittra li kien tahielu Hussein. Skond l-imputat jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn u meta wahhal fih Hussein kien ghax mohhu ma kienx f'postu jew xi haga hekk, imma hemm miktub kollox. Hemm miktub bl-Gharbi u bl-Ingliz u din ma kienx hadha minghandu imma kien baghtielu bil-posta. Hawn hekk il-Qorti kienet infurmata li t-traduttur kien miet. Huwa qal li kien jahdem bhala plasterer u li ma kellu ebda problem fil-familja.

Fl-1 ta' Frar 2008 a fol 263 xehed Muder Khatib li jigi hu l-imputat. Hu qal li f'dak il-jum imsemmi ma kienx ltaqa' ma huh ghax il-mara tieghu hassha hazin u ma setax imur. Huwa kien ha l-mara l-poliklinika ghax kellha bidu ta' tqala. It-tabib kien Dr Wilfred Galea. Imbghad kien cempel ghal xin-nofs siegha u ma kienx cempel qabel ghax kien mifxul minhabba l-mara. Mobile ma kellux. Huh kien jghidlu li ghandu dan il-kaz minhabba wiccu (fol 265). Huma kellhom jiltaqghu f'dak il-jum biex ix-xhud Muder Khatib jaghmel ticket biex imur is-Sirja u fil-fatt mar.

Fl-1 ta' Lulju 2008 il-Qorti hatret lill-prosekutur Martin Sammut sabiex jaghmel traduzzjoni tad-dokument li jinsab a fol 262.

Id-difiza ghalqet il-provi fit-8 ta' Lulju 2009, fol 279 meta dak inhar it-traduttur Aaron Haroun kien kkonferma bil-gurament li kien inhatar sabiex jaghmel it-traduzzjoni li tinsab a fol 282.

It-traduzzjoni hija mmarkata bhala Dok AH u a fol 8 taghha hemm illi Hussein Ismail Dgheem, ID 417795 (M) kien ra l-Belt lill-imputat vicin cafeteria fejn hu kien ltaqa' ma certu John Saliba u Ahmed. Hemm kibirlu s-suspett fl-imputat u dak inhar meta kien mar ghand il-pulizija bidel il-verzjoni tieghu u wahhal fih. U tefa' l-htija kollha fuqu. Imma fil-fatt l-imputat m'ghandu x'jaqsam xejn f'din il-problema. Il-kittieb ta' l-ittra qal li hu kellu hafna suspetti hziena dwar l-imputat u ghal hekk kien wahhal fih u akkuzah b'din il-bicca. Huwa qal li kien qed jinkiteb dan biex il-Qorti jkollha l-verita quddiemha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Kemm mill-atti proċesswali kif ukoll mit-trattazzjoni jirriżulta li l-Pulizija bdew dawn il-proċeduri minħabba dak li kien qal lill-Pulizija ċertu Hussein Ismail Deagam (Ara fol 32).

Din il-persuna kienet hija stess għaddejja proċeduri dwar l-istess fatti u meta ttellgħet il-Qorti biex tixhed għażlet li ma tixhidx minħabba li setgħet tinkrimina ruħha.

Meta l-Pulizija bdew ifittxu lill-istess persuna biex tixhed din għosfrot x'aktarx fis-Sirja minn fejn ma setgħetx tiċċaqlaq.

Sussegwentement, l-imputat xehed li kien irċieva ittra minn għand l-istess persuna li kienet tiskolpa għal kollox lill-imputat.

Il-Qorti għarblet l-evidenza kollha li sabet fl-atti. Dak li Hussein Ismail Dgheem qal lill-Uffiċjal Prosekutur dwar l-imputat qatt ma kien ikkonfermat bil-ġurament mill-istess Hussein Ismail Dgheem **li kien għaddej proċeduri fuq l-istess fatti.**

Lanqas jekk dan Hussein Ismail Dgheem għamel stqarrija lill-Pulizija – liema stqarrija mhix fl-atti għax fl-atti hemm biss x'qal Dgheem lill-Prosekuzzjoni – tali stqarrija qatt ma tista' tgħodd fil-konfront ta' persuna oħra ħlief kontra min jagħmilha stess. Infatti l-artikolu 661 tal-Kap 9 jgħid hekk:

**‘Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta’ preġudizzju għal ebda persuna oħra.’**

Dak li jeżisti fl-atti huwa x’qal dan Hussein Ismail Dgheem lill-Pulizija li jitqies teknikament bħala hearsay. Il-Prosekuzzjoni setgħet tirreferi għalih waqt li kienet qed tesponi l-fatti kif jirriżultaw mill-investigazzjoni. Iżda wara, ġaladarba dan il-kliem ma ntqalx mill-imputat iżda minn persuna oħra, kellu jittella’ l-persuna li qalet it-tali kliem sabiex ikun eżaminat u kontra-eżaminat fil-preżwenza tal-imputat.

Il-Prosekuzzjoni għamlet dak kollu li setgħet sabiex tinstab din il-persuna u żgur ma kienx xi nuqqas mill-istess Prosekuzzjoni jekk din il-persuna baqgħet ma ddeponietx. Biss iż-żmien beda għaddej u ma kienx hemm indizji li din il-persuna ser tiddeponi.

Barra dan il-Qorti kkonsidrat fatturi oħrajn. Din l-istess persuna kienet tat verżjoni totalment differenti tal-fatti meta l-Pulizija kellmitha l-ewwel darba.

Imbagħad kitbet ittra lill-imputat fejn prattikament iritirat kollox. Din l-ittra m’għandha ebda valur probatorju għaliex il-kontenut tagħha qatt ma kien ikkonfermat minn min allegatament kitibha. Ma taqax fil-parametri tal-eċċezżjonijiet li jidhru fl-artikolu 598 u 599 tal-Kap 12 kif applikati għall-Kap 9, liema żewġ artikoli jittrattaw ir-regola dwar ‘il-hearsay evidence’. Għalhekk il-Qorti qed twarrabha għal kollox fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

Jidher li t-Lm80,000 Maltin daħlu fil-kont ta’ H.Said Company Limited ta’ 205 Republic Street Valletta u li minnhom inġibdu Lm77,000 li tagħha Josef Hussein Dgheem kien il-managing director u Josephine Dgheem is-segretarja. Il-ġbid sar permezz ta’ cheque datat 12 ta’ Frar 1999 u l-firma tidher li hija ta’ Josef Hussein Dgheem għax tixbah dawk li jinsabu a fol 87 u 88 (fejn hemm l-ispecimen signature).

Matul it-trattazzjoni kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-persuna li qed issir referenza għaliha kienet instabet ħatja fi proċeduri dwar l-istess fatti. (Ara wkoll fol. 35 u .47)

**Konsiderazzjonijiet oħra**

Wara li l-Qorti fliet il-provi sew jirriżulta dan li ġej:

(a) Li l-imputat kien qiegħed il-Belt propju fl-istess jum li saret it-transazzjoni. (12 ta' Frar 1999), il-ġbid ta' Lm77,000 minn Dgheem;

(b) L-ammont li jidher fuq iċ-ċheque u fuq l-istatement tal-kont tal-kumpanija H.Said Company Limited huwa identiku ma' dak indikat f'dak li qal Hussein Ismail Dgheem lill-Pulizija;

(ċ) Li l-imputat ħadem għal ħafna xhur mal-Kumpanija ASL Limited liema kumpanija kienet tkun infurmata minn Kaiser Kabel GmbH li jkunu ġew trasferiti flus mill-Bank of Valletta lil terzi persuni.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tikkonsidra wkoll din l-evidenza.

(a) L-imputat baqa' jinsisti li dak in-nhar kien daħal il-Belt biex jiltaqa' ma' ħuh u wara li stennieh dan ħuh ma ġiex minħabba li kellu jieħu lill-mara tiegħu (ta' ħu l-imputat) għand it-Tabib fil-klinika ta' Ħad-Dingli. (Ara depożizzjoni ta' Muder Khatib a fol 264) L-imputat qal hekk fl-istqarrija tiegħu barra li xehed dwar dan.

(b) Li l-imputat kien jaħdem ħafna xogħol lis-soċjeta' ASL Limited u li dawn kienu soddisfatti bix-xogħol li kien jagħmel.

(ċ) Ma saret ebda prova li l-imputat kellu aċċess għaċ-ċwievet tal-uffiċju jew għal xi kabinett fejn kienu jinżammu l-karti relattivi.

(d) B'mod partikolari ma saritx il-prova li l-ittra allegata falza (fol 82) (li ġġib id-data tal-10 ta' Frar 1999 – jum li f'Malta huwa btala pubbblika u li fih ħafna ħaddiema ma jaħdmux) kienet mibgħuta mill-imputat jew li b'xi mod kellu x'jaqsam magħha l-imputat.

(e) Il-prova 'forensika', jekk tista' tissejjaħ hekk, dwar il-fax machine kienet limitata għal kemm kienet tiswa l-fax machine. Ma stabbilitx jekk il-fax machine setgħetx intużat biex intbagħtet il-fax li kienet allegatament falza lill-BOV (ara fol 82) u, jekk fl-affermattiv, minn min intużat għal dan il-għan.

Wara din l-analiżi, il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi li jippruvaw l-imputazzjoni kontra l-imputat 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat minn l-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------